MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2009

Numru. 402/2009

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Neil Francis Buhagiar, iben Saviour, imwieled Attard fl-1 ta’ Settembru, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-18 ta’ Mejju, 2008 għal ħabta tal-11.15 a.m., fi Pjazza Sant’ Indrija, Luqa saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni BCK 017, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u involontarjament ikkaġuna offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Pietro Paolo Theuma, skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Miriam Giordano M.D.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Lulju, 2009 fejn il-parte ċivile iddikjarat li l-pendenżi kollha ma l-imputat ġew risolti u li mhux ser joffri x-xhieda tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Lulju, 2009 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------